



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2011/2096(INI)

23.8.2011

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti (2011/2096(INI))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Mathieu Grosch

PR_INI

WERREJ

Pàġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW3

NOTA SPJEGATTIVA9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti (2011/2096(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-'White Paper' tal-Kummissjoni "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (**COM(2011)0144**),
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2003 dwar il-'White Paper' tal-Kummissjoni "Il-politika Ewropea tat-trasport għall-2010: wasal iż-żmien li niddeċiedu"¹,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar "Inżommu lill-Ewropa miexja – Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna"²,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 **dwar futur sostenibbli għat-trasport**³,
 -
- **wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-Politika Marittima Integrata (IMP) – Evalwazzjoni tal-progress li sar u sfidi ġodda**⁴,
- wara li kkunsidra **r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni b'enfasi partikolari fuq l-iskanners tas-sigurtà**⁵,
- wara li kkunsidra **r-Riżoluzzjoni tiegħu ta' 2011** dwar is-sikurezza fit-toroq 2011–2020⁶,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu **tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-Ħames Rapport ta' Koeżjoni tal-Kummissjoni u dwar l-Istrateġija għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2013**⁷,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku" (COM(2009)0490),
- wara li kkunsidra l-Istrateġija UE 2020,
- wara li kkunsidra l-acquis communautaire fil-qasam tat-trasport,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ ĠU1. C43E, 19.2.2004, p. 250–259.

² ĠU1. C175E, 10.7.2008, p. 556–561.

³ Testi adottati, P7_TA(2010)0260.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2010)0386.

⁵ Testi adottati, P7_TA(2011)0329.

⁶ Testi adottati, P7_TA(2011)0000 – Rapport A7-0264/2011 – Aġenda Settembru I

⁷ Testi adottati, P7_TA(2011)0316.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, kif ukoll l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0000/2011),
- A. billi l-politika Ewropea tat-trasport tinfluwenza direttament liċ-ċittadini tal-UE f'diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja u żona unika Ewropea tat-trasport tkun ta' użu għalihom;
- B. billi s-settur tat-trasport għandu importanza kbira għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, ir-reġjuni u l-bliet tagħha, peress li huwa jipproduċi madwar 5% tal-prodott gross domestiku, jipprovdi madwar 10 miljun post tax-xogħol u b'hekk huwa determinanti għall-Ewropa bħala lokazzjoni industrijali u ekonomika;
- C. billi t-trasport jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-Istrateġija Ewropa 2020, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-impjiegi, ir-riċerka, l-enerġija, l-innovazzjoni u l-ambjent, fejn fil-qafas ta' din l-istrateġija għandhom jissaħħu s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali b'mod aktar effikaċi;
- D. billi ċerti għanijiet tal-aħħar White Paper ma ġewx sodisfatti u b'hekk l-għanijiet stabbiliti hawnhekk għandhom jiġu rieżaminati u verifikati b'mod regolari;
- E. billi l-modi tat-trasport mhumiex f'kompetizzjoni bejniethom, iżda għandhom jikkomplimentaw lil xulxin fil-qafas tal-komodalità effikaċi, skont il-prinċipju bażiku ta' distribuzzjoni effikaċi modali ta' mezzi tat-trasport;
- F. billi s-settur tat-trasport għandu bosta 'effetti transkonfinali, li biċċa minnhom jistgħu jitneħħew faċilment u b'hekk għandhom jitneħħew kollha;
- G. billi l-ftuħ tas-swieq tat-trasport għandu jimxi id f'id mal-kwalità tas-servizz, mat-taħriġ u mas-sitwazzjoni tal-impjiegi;
- H. billi l-UE għandha għandha tistabbilixxi standards koerenti għall-mezzi kollha tat-trasport, speċjalment dawk relatati mas-sikurezza, it-teknoloġija, il-protezzjoni ambjentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, sabiex tinsisti dwarhom anki fil-livell globali;
- 1. Jilqa' l-'White Paper' 2011, iżda jstabbilixxi li għanijiet importanti tal-'White Paper' 2011 ma ntlaħqux jew intlaħqu biss parzjalment, u jissuġġerixxi
 - li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010.
 - li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka;
- 2. Huwa favur l-għanijiet li ġew stabbiliti fil-'White Paper' sal-2050, iżda jikkunsidra li huma meħtieġa dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għall-perjodu ta' żmien sal-2020 rigward il-fondi
 - fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri rispettivi – u tal-isfidi ġenerali li jiffaċċja t-trasport fil-qasam tal-enerġija u f'dak ambjentali, u b'hekk jitlob lill-

Kummissjoni biex tfassal dispożizzjonijiet legali sabiex tilħaq l-għanijiet li ġejjin sal-2020, filwaqt li l-figuri tal-2010 jservu bħala bażi ta' referenza:

- tnaqqis tal-emissjonijiet CO₂ fit-trasport fit-toroq b'20%,
 - tnaqqis tal-istorbju u tal-konsum tal-enerġija ta' trasport fuq il-binarji b'20%,
 - tnaqqis tal-emissjonijiet CO₂ fit-trasport bl-ajru fl-ispazju tal-arja Ewropew kollu bi 30%,
 - tnaqqis uniformi tal-emissjonijiet CO₂ u tal-kontaminanti fin-navigazzjoni bi 30%, u jitlob biex dawn l-għanijiet jiġu kkunsidrati bħala prijoritarji u għalhekk jiġu riveduti kull sena;
3. Jenfasizza li l-mira għandha tkun li s-suq intern Ewropew tat-trasport jiġi kkompletat, iżda għandhom jiġu inklużi l-aspetti ekonomiċi, soċjali u dawk li jirrigwardaw l-impjiegi, u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra fil-proposti tagħha dwar il-ftuħ tas-swieq fl-oqsma tal-ajruporti, tal-ferroviji u tat-toroq fost l-oħrajn, li dan ma jwassalx għal dumping soċjali jew għal monopolji privati;
4. Jenfasizza li l-komodalità effiċjenti fit-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, li tiġi mkejla f'termini tal-effikaċità ekonomika, il-protezzjoni ambjentali, il-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol u l-aspetti tas-sikurezza u li hija mmirata lejn l-infrastruttura attwali u li hija ppjanata fil-pajjiżi u reġjuni individwali, għandha tkun l-idea li tiggwida l-politika futura tat-trasport, u li dawn il-parametri għandhom jintużaw biex tiġi determinata d-distribuzzjoni modali fil-pajjiżi u r-reġjuni, minflok ma jinżamm il-valur limitu ta' 300 km li ġie propost għat-trasport tal-merkanzija fit-toroq;
5. jenfasizza li l-kunċett tat-TEN-T għandu jipprovdi għal numru limitat ta' proġetti b'aktar fondi, billi
- l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015,
 - il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tipproponi lill-Istati Membri li jiġi pprovdut finanzjament dirett ta' dawn il-proġetti b'mill-inqas 30% tal-investment totali, b'koordinazzjoni mal-politika reġjonali,
 - il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u li tipprovdi għal aktar użu ta' dawk ir-riżorsi biex jifinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni,
 - id-definizzjoni tal-prijoritajiet għandha tiġi kkunsidrata b'rabta mill-qrib mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' fondi strutturali reġjonali u l-Istati Membri jiġu obbligati li jiżguraw finanzjament ta' dawn il-proġetti lil hinn mill-perdjodu stipulat tal-programmi multiannwali tal-UE.
 - il-prijorità tal-proġetti wara l-2015 tinżamm biss jekk l-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti li jigarantixxu l-implimentazzjoni tal-proġetti;

6. Jenfasizza li l-istess standards tas-sikurezza għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015;
7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, meġġuna mill-infrastruttura rispettiva;
8. Jitlob biex sal-2015, il-proposta għall-mobilità tal-belt, fejn l-għajnuna ta' proġetti, filwaqt li tħares is-sussidjarjetà, tkun tiddependi mill-pjan ta' katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbu), tkun konformi mal-istandards tal-politika Ewropea tat-trasport, kif ukoll tkun koerenti mal-ibliet u r-reġjuni ta' madwar;
9. Jenfasizza li l-imġiba tal-utenti tat-toroq hija deċiżiva u jitlob biex jinħolqu inċentivi għall-għażla ta' mezzi sostenibbli tat-trasport, fejn sal-2013 għandhom jiġu proposti suġġerimenti għall-iżvilupp tal-infrastruttura għan-nies fit-triq u għaċ-ċiklisti fil-bliet, għall-irduppar tan-numru ta' utenti tal-mezzi tat-trasport pubbliku, li fil-parti l-kbira tagħhom jitħaddmu b'enerġiji alternattivi, kif ukoll għall-istabbiliment ta' 'e-tickets' għall-ivvjaġġar multimodali u fejn l-mod kif jiġu ffixxati l-prezzijiet għandu jiġi kkunsidrat bħala inċentiv
10. Jemmen li r-regoli bażiċi dwar id-drittijiet tal-passiġġieri għandhom jiġu stabbiliti għall-mezzi kollha tat-trasport f'Karta tad-Drittijiet tal-Passiġġieri, u b'hekk sa tmiem l-2013 jistenna proposta rispettiva li tikkunsidra l-kwalità speċifika tal-mezz ta' trasport rispettiv u tal-esperjenzi akkwistati;
11. Jitlob li jiġi stabbilit programm ta' riċerka u ta' żvilupp orjentat speċifikament lejn il-mobilità u li dan jiġi meġġjun minn fondi bl-għan li:
 - fil-każ tal-mezzi individwali tat-trasport, tinżamm l-UE bħala l-post tal-manifattura u tar-riċerka,
 - għat-tipi kollha tat-trasport, jinħolqu sistemi intelliġenti, interoperabbli u konnessi fit-tmexxija tat-trasport, b'hekk jiġu promossi s-SESAR, Galileo, l-ERTMS, il-PIDS, is-SafeSeaNet, l-LRIT u l-ITS u biex jiġu provduti l-fondi rispettivi għal dawn;
12. Huwa tal-fehma li għandhom jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi għall-forom kollha tat-trasport u b'hekk jitlob li jkun hemm armonizzazzjoni aktar qawwija tad-dokumenti tat-trasport, fost l-oħrajn għat-trasport tal-merkanzija tat-toroq, u biex sal-2013 tiġi sottomessa proposta dwar l-istandardizzazzjoni tad-dokumenti tal-merkanzija;
13. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm titjib u standardizzazzjoni ta' tagħmir ta' kontroll, bħal pereżempju radars tal-veloċità u "on-board-units", kif ukoll tas-sistemi jew il-mezzi tal-komunikazzjoni u jitlob biex sal-2013 tiġi sottomessa proposta għar-rikonossiment

reċiproku u għall-interoperabilità ta' dan l-apparat;

14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali;

15. Jitlob li, rigward it-trasport fit-toroq,

- sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom;
- jiżiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010;
- il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent permezz ta' eżenzjonijiet fiskali;
- jissaħħaħ it-taħriġ u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjeg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi;

16. Jitlob li rigward in-navigazzjoni:

- jkun hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu,
- ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES u wara t-tmiem tiegħu fl-2013, jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq u, skont il-każ, jiġi kkunsidrat jekk għandux jinżamm,
- issir proposta għaż-żieda ta' 20% tan-numru ta' konnessjonijiet multimodali (pjattaformi) għall-ilmijiet navigabbli interni, il-portijiet interni u l-binarji sal-2020, meta mqabbla mal-valuri tal-2010, u l-appoġġ finanzjarju rispettiv,
- għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli,
- minħabba l-karattru internazzjonali tat-traffiku marittimu, sal-2012 tinkiseb approssimazzjoni fit-taħriġ fin-navigazzjoni ma' standard internazzjonali u tiġi preżentata proposta għar-rikonoxximent reċiproku ta' kundizzjonijiet qafas għat-taħriġ ta' ħaddiema tal-port sa tmiem l-2013,
- il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port;

17. Jitlob li rigward it-trasport bl-ajru:

- sal-2015 ikun hemm proposta għall-ħolqien ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku,

- tingħata prijorità lill-kwalità tas-servizzi u l-koordinazzjoni ma' standards internazzjonali f'dak li jirrigwarda l-ftuħ tas-swieq,
- l-Istati Membri jimplimentaw in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni sal-2012, anki b'referenza ma' ftehimiet internazzjonali;

18. Jitlob li rigward it-trasport fuq il-binarji:

- il-Kummissjoni, permezz tal-ftuħ tas-swieq, tikkusidra l-obbligi tal-Istati Membri fit-trasport pubbliku lokali u l-offerta attwali tas-servizzi, bl-għan li ttejjeb il-livelli attwali tas-servizzi;
- sal-2015 jiġu armonizzati r-regoli għar-reġistrazzjoni tal-vetturi, sabiex iċ-ċertifikazzjoni tal-materjali fuq ir-roti ma tkunx itwal minn xahrejn, u b'hekk sal-2012 jiġu aġġustati rispettivament il-kompetenzi tal-aġenzija Ewropea tal-ferroviji u l-fondi tagħha;
- li għall-ippjanar aktar effikaċi tat-trasport bil-ferrovija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu indipendenti u jissaħħu, u sabiex sal-2014, il-Kummissjoni tippreżenta proposta li tistabilixxi awtorità regolatorja Ewropea;

19. Jitlob biex il-Kummissjoni kull sena tanalizza l-għanijiet tal-'White Paper', il-progress li sar u r-risultati u tippreżenta rapport lill-Parlament dwar dan;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

It-trasport għandu relevanza kbira għaċ-ċittadini tal-UE għax huwa jiddefinixxi l-mobilità. Iċ-ċittadini tal-UE huma dawk li jibbenifikaw mill-ispazju Ewropew, peress li huwa jgħinhom jiċċaqalqu fis-sitwazzjonijiet kollha tal-ħajja, sabiex japprofittaw kemm professjonalment kif ukoll privatament mill-moviment ħieles fl-Ewropa. Bħala medja, 13.2% tal-infiq mill-baġit tal-familji jsir għal oġġetti u servizzi tat-trasport. Minbarra dan, it-trasport tal-persuni u tal-oġġetti joffri ħafna postijiet tax-xogħol għaċ-ċittadini tal-UE u jieħu ħsieb it-tlestija tas-suq intern Ewropew, peress li huwa jikkontribwixxi, meta mqabbel mal-prodott gross domestiku, għal madwar 5% tal-prosperità tal-UE u jimpjega aktar minn 10 miljun ċittadin tal-UE.

Għall-bliet u r-reġjuni, it-trasport huwa fattur importanti, peress li huwa mhux biss jgħaqqad flimkien bliet u reġjuni, iżda wkoll jikkontribwixxi għall-istatus tal-UE bħala post tar-riċerka u tal-innovazzjoni u b'hekk huwa element bażiku fl-iżvilupp tal-UE u tar-reġjuni tagħha b'effett dirett fuq il-koeżjoni soċjali tar-reġjuni. Il-ħolqien ta' spazju Ewropew uniku bħala l-mira tal-politika Ewropea tat-trasport, jinstab f'relazzjoni diretta mal-politika reġjonali, ambjentali, ekonomika, soċjali u tax-xogħol. Minħabba din ir-rabta, is-settur tat-trasport jagħti kontribut sinifikanti għall-Istrateġija Ewropea 2020.

Ir-rapporteur huwa mistagħġeb dwar il-fatt li l-Istati Membri jissottovalutaw il-valur miżjud Ewropew tal-politika tat-trasport u jostakolawh permezz ta' implimentazzjoni ħażina jew tard wisq tad-direttivi. Minbarra dan, huwa sorpriż li fi żminijiet tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, ma jittiħdux aktar inizjattivi li jaċċelleraw il-bini tat-TEN-Ts, peress li dan jikkostitwixxi infrastruttura sostenibbli li toħloq l-impjiegi u tistimula l-ekonomija.

1. Għanijiet koerenti u konkreti sal-2020

L-għan ta' din il-White Paper tal-2011 għandu jkun li jiġu stabbiliti għanijiet koerenti u effikaċi, fejn wieħed għandu jitgħallem mill-iżbalji tal-passat. Il-passat wera, li għalkemm is-settur tat-trasport ħoloq parzjalment kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u ppromwova l-ftuħ tas-suq bħal dak tat-toroq, bosta mill-għanijiet tal-White Paper tal-2001 baqgħu ma ġewx milħuqa. Jekk dan huwiex minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri biex jistabbilixxu għanijiet ambizzjużi, minħabba l-implimentazzjoni jew il-kontroll jew minħabba raġunijiet oħra, għadu jrid jiġi investigat. Huwa importanti li fil-futur, sitwazzjoni bħal din tiġi evitata. Dan jista' jsir billi ma jiġux ippjanati għanijiet ġodda, iżda billi jiġu riveduti l-għanijiet qodma u dawn jew għandhom jinżammu jew jiġu definiti mill-ġdid. Fost l-oħrajn, żewġ miri, li għandhom jinżammu, huma dawk tat-tnaqqis tan-numru tal-imwiet u tal-persuni li jkorru serjament fit-toroq b'50% u l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tal-forom kollha tat-trasport. Minbarra dan, dawn il-miri għandhom jiġu verifikati regolament u mhux biss fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu.

Huwa wkoll importanti li jiġi stabbilit iż-żmien sa meta għandhom jintlaħqu dawn l-għanijiet, sabiex il-progress jiġi analizzat. L-għanijiet stabbiliti fil-'White Paper il-ġdida jirrigwardaw il-perjodu ta' żmien sal-2050 u/jew sal-2030. Ir-rapporteur jippreferi l-għanijiet fit-tul, iżda jenfasizza li wieħed ma wieħed ma jistax jipprevedi r-ritmu tal-iżvilupp tal-innovazzjoni u t-teknoloġija u s-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiżi sa dak iż-żmien, u liema sfidi ġodda se tiffaċċja l-politika Ewropea tat-trasport sal-2050. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa jipproponi miri konkreti u li jaqblu ma' oqsma politiċi koerenti sal-2020, li jirrigwardaw il-mezzi kollha

tat-trasport u jitlob biex l-għanijiet jiġu verifikati kull sena.

2. Standards tal-UE għal Spazju Intern Uniku Ewropew tat-Trasport

Għat-tlestija tas-suq intern tat-trasport, għandhom jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti bażiċi. B'hekk jistgħu jiġu konfrontati l-isfidi attwali u l-mira hija li jkun hemm armonizzazzjoni tar-regolamenti li jirrigwardaw it-trasport. Minbarra dan, jitnaqqsu "l-effetti transkonfinali", li spiss huwa faċli li jitneħħew.

a) Is-sikurezza

Is-sikurezza hija waħda mill-aktar pilastri importanti tal-politika Ewropea tat-trasport u l-konformità mar-regolament tas-sikurezza huwa rekwiżit importanti għall-ħolqien ta' spazju Ewropew uniku tat-trasport.

Fit-toroq, għandhom jiġu enfasizzati l-"Viżjoni Zero" bħala għan fit-tul u ż-żamma mal-mira tat-tnaqqis fin-numru ta' persuni mejta u korruti serjament fit-toroq b'50% sal-2020. Il-miżuri stabbiliti fir-rapport dwar is-sikurezza tat-toroq Ewropej 2011–2020 għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni u jiġu inklużi fil-proposti tagħha.

Iżda mhux biss għat-toroq, iżda wkoll għall-mezzi l-oħra kollha tat-trasport, għandhom japplikaw l-istess standards tas-sikurezza fl-Ewropa kollha, fejn speċjalment fit-trasport bl-ajru u bil-baħar, minħabba n-natura internazzjonali tagħhom, għandhom jiġu koordinati ma' standards globali. Minbarra dan, għandhom jiġu stabbiliti standards ċari dwar l-iffinanzjar tar-rekwiżiti tas-sikurezza.

Il-katini sikuri tat-trasport għall-passiġġieri u għall-merkanzija huma indispensabbli. L-għan huwa li jkun hemm "one-stop-security", li tiffaċilita wkoll kontroll tas-sikurezza ta' darba ta' passiġġiera u ta' merkanzija, anki fi vjaġġar internazzjonali. Hawnhekk ir-rapporteur jenfasizza li f'dan il-kuntest, l-informazzjoni ġusta għandha importanza kbira ferm. L-aktar f'każ ta' informazzjoni teknika tal-miżuri tas-sikurezza, il-Kummissjoni għandha taħdem fil-qrib mal-Parlament u tiegħu ħsieb li l-informazzjoni tkun korretta u l-implimentazzjoni tal-miżuri tkun miftiehma mal-Istati Membri, sabiex jiffasslu pjanijiet realistiċi li jistgħu jiġi implimentati fi żmien ta' skadenza raġonevoli.

b) L-enerġija u l-ambjent

L-isfidi attwali tal-politika Ewropea tat-trasport jirrigwardaw fost l-oħrajn problemi ambjentali u tal-enerġija. Hawnhekk għandhom jiġu stabbiliti standards Ewropej, li jippromwovu spazju uniku Ewropew tat-trasport.

L-għan li joqos l-użu tal-karbonju fit-trasport għadu mira politika sinifikanti. Dwar dan għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ċari għall-mezzi kollha tat-trasport u jinħolqu inċentivi rispettivi, sabiex titjeb is-sostenibilità fil-mezzi kollha tat-trasport. L-evalwazzjoni tas-sostenibilità tal-mezzi tat-trasport għandha tibbaża fuq kriterji oġġettivi, li jinkludu mhux biss l-użu, iżda wkoll "il-footprint" kollu mill-ġenerazzjoni, l-infrastruttura meħtieġa, sar-rimi.

Sabiex ikun hemm sostenibilità fil-mezzi tat-trasport permezz tat-tnaqqis tal-gassijiet tat-traffiku u t-tnaqqis fil-konġestjonijiet tat-traffiku, l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tista' tagħti kontribut importanti – iżda biss meta l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tirrigwarda

l-mezzi kollha tat-trasport u d-dħul jerġa' jmur lura għas-sostenibilità tal-mobilità u tat-traffiku jew tal-infrastruttura. Id-dispożizzjonijiet dwar l-Eurovignette bl-obbligu li 15% tad-dħul jiġi investit mill-ġdid, u d-dispożizzjonijiet dwar is-sistema Ewropea tal-emissjonijiet għal negozjar b'ċertifikati tal-emissjoni (ETS) fl-avjazzjoni kienu passi lejn id-direzzjoni t-tajba. Iżda dawn mhumiex ambizzjużi biżżejjed, peress li d-Direttiva dwar l-ispejjeż tat-toroq lanqas biss hija obbligatorja.

Minħabba d-dipendenza tat-trasport fuq iż-żejt, l-enerġiji alternattivi u rinovabbli għandhom isiru dejjem aktar importanti. Fl-istess ħin, għandu jiġi innutat li l-Parlament Ewropew għandu jkun newtrali mill-aspett teknoloġiku u b'hekk kull forma ta' enerġija alternattiva għandu jkollha l-karatteristika partikolari tagħha u jkollha ċerti vantaġġi jew żvantaġġi. Jekk humiex qed jintużaw jew jistgħux jintużaw vetturi mħaddma bl-elettriku jew bl-idroġenu, jew fjuwils bijoloġiċi jew sintetiċi, LPG jew gass bijoloġiku, jiddependi mill-forom ta' trasport u mill-Istati Membri infushom. Skont l-opinjoni tar-rapporteur, hija biss taħlita ta' sorsi tal-enerġija li tista' twassal għal soluzzjonijiet reali u sostenibbli. Iżda l-mezzi kollha tat-trasport għandhom jagħtu aktar attenzjoni lil soluzzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija li huma disponibbli llum, bħall-istil tas-sewqan, bl-appoġġ ta' taħriġ u taħriġ avanzat korrispondenti, il-ħolqien bla telf ta' żmien ta' blokk funzjonali tal-ispazju, il-possibilitajiet ta' nżul u tluġh jew il-pjanijiet ta' mobilità, li jagħtu aktar lok għall-użu tal-karrozzi tal-linja u t-trasport bit-tram. L-iffrankar tal-enerġija jista' jwassal għal riżultati sinifikanti.

Rigward il-kunsiderazzjonijiet dwar enerġiji alternattivi, wieħed m'għandux jinsa l-ħolqien ta' infrastruttura rispettiva. Għalhekk huwa ta' importanza kbira li jinħolqu stimuli għall-bini ta' infrastruttura rispettiva. Peress li anki s-soluzzjonijiet l-aktar sostenibbli ma jiġux realizzati, jekk ikollhom prezz għoli wisq għall-konsumaturi komuni u jekk l-infrastruttura meħtieġa tkun nieqsa. Hawnhekk, il-koerenza bejn l-informazzjoni ta' oqsma politiċi differenti hija importanti ħafna. B'hekk l-informazzjoni dwar l-enerġija u l-protezzjoni ambjentali għandha torjenta ruħha lejn il-kriterji tal-politika Ewropea u viċe versa, sabiex timplimenta l-armonizzazzjoni.

c) Kundizzjonijiet tax-xogħol u kundizzjonijiet soċjali

Minbarra dan, l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u dawk soċjali tal-persuni impjegati fil-qasam tat-trasport huma rekwiżiti importanti li jiggarrantixxi suq Ewropew intern tat-trasport.

L-approssimazzjoni tat-taħriġ u t-taħriġ avanzat, tal-aċċess għax-xogħol u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-mezzi kollha tat-trasport, wara ċertu ammont ta' żmien, se jwassal għal approssimazzjoni tal-pagi u b'hekk iwaqqaf ukoll is-social dumping kif ukoll id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni. Anki r-rikonoxximent reċiproku tat-taħriġ u t-taħriġ avanzat għandu rwol determinati f'dan il-kuntest. Fin-navigazzjoni, għandha tingħata attenzjoni lill-approssimazzjoni internazzjonali.

Indipendentement mill-fatt jekk dan jirrigwardax proposti tal-Kummissjoni rigward il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tas-suq, tas-servizzi ta' ground handling jew kull ftuħ ieħor tas-swieq, dawn il-proposti għandhom itejbu l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet tax-xogħol u d-dipożizzjonijiet dwar aspetti soċjali u jpoġġu l-kwalità tas-servizz fuq quddiem.

Rigward it-trasport fit-toroq, ir-regoli dwar is-sewqan u l-ħinijiet tal-mistrieħ għandhom ikunu

verifikati mill-ġdid u għandhom jiġu faċilitati kontrolli li jieħdu inkunsiderazzjoni ċirkostanzi speċifiċi. Il-postijiet tal-ipparkjar tat-trakkijiet għandhom jiġu magħmula aktar sikuri u jiżiedu fl-Ewropea kollha, sabiex is-sewwieqa professjonali tat-trakkijiet ikunu jistgħu jżommu l-ħinijiet tal-mistrieħ. L-implimentazzjoni tad-direttiva fl-Istati Membri, in-numru ta' kontrolli u l-infurzar għandhom jiġu armonizzati aktar.

Fil-mezzi kollha ta' trasport il-kwalità tat-taħriġ għandha tiġi kkunsidrata bħala l-bażi tal-garanzija tas-sikurezza, kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-utenti tat-trasport.

d) Simplifikazzjoni amministrattiva

B'mod speċjali fil-fruntieri tal-Istati Membri, il-mezzi tat-trasport jiltaqgħu ma' sfidi, li f'ħafna każijiet jistgħu jiġu eliminati faċilment. Wieħed jiltaqa' ma' dawn l-hekk imsejħa “effetti transkonfinali” b'mod speċjali f'reġjuni tal-fruntieri. Hawnhekk spiss ikun hawn ftehimiet bilaterali bejn l-Istati, sabiex isolvu ċerti problemi, iżda anki hawnhekk jeħtieġ li jkun hawn regolamenti Ewropej. Pereżempju għar-reġistrazzjoni ta' vetturi fuq binarji hemm 6 000 regolament differenti mal-Ewropa kollha u l-approvazzjoni ta' dawn tista' testendi għal snin sħaħ. Dawn ir-regolamenti, li huma spiss protezzjonistiċi, iwaqqfu l-impriżi tal-ferroviji Ewropej milli joffru s-servizz tagħhom f'pajjiż ieħor, u għandhom jitnaqqsu. Din is-sitwazzjoni hija inaċċettabbli. B'hekk ir-rapporteur jissuġġerixxi l-armonizzazzjoni tar-regoli tar-reġistrazzjoni tal-vetturi fuq il-binarji u t-tnaqqis tal-perjodu ta' kemm iddum il-proċedura ta' reġistrazzjoni għal xahrejn. Sabiex jiġi implimentat dan l-effett transkonfinali, l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għandha tingħata l-kompetenzi rispettivi.

Anki l-apparat tal-kontroll għandu jiġi standardizzat mal-Ewropa kollha. M'għandux ikun li pulizija fil-fruntiera ma jkunx jista' wkoll juża l-apparat tal-kontroll tal-pajjiż ġar, għax dan ma ġiex ikkalibrat f'pajjiżu. Għalhekk, hawnhekk jeħtieġ li jsir inventarju u li l-Kummissjoni tagħmel proposta għall-istandardizzazzjoni.

Minbarra dan, l-armonizzazzjoni tad-dokumenti tat-trasport fit-tipi kollha tat-trasport trendi t-traffiku aktar effikaċi. B'mod partikolari l-'E-freight' tista' twassal għal tnaqqis sostanzjali ta' intoppi amministrattivi u taċċellera t-traffiku.

e) Fattur globali

L-UE għandha tkun minn tal-ewwel biex fil-livell globali timplimenta dawn il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw is-sikurezza, il-protezzjoni ambjentali, l-enerġija u t-teknoloġija. Iżda dan se jkun possibli biss, jekk l-ewwel isir ftehim dwar l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni bejn is-27 Stat Membru u fit-tieni pass, dan jiġi implimentat b'suċċess. Huwa biss jekk l-Ewropa titkellem b'vuċi waħda, li hija tkun tista' tiddefendi l-parametri tagħha. L-eżempji li ġejjin juru li illum dan għadu problematiku. Minn naħa l-ETS, li għandu jiġi introdott fl-2012, juri kemm hi kbira r-reżistenza fil-livell internazzjonali. Min-naħa l-oħra l-progress bil-mod tal-użu tal-ERTMS juri wkoll l-eżitazzjoni tal-Istati Membri. Finalment, il-ftehim tal-avjazzjoni mal-Istati Uniti, li għandu dispożizzjonijiet insuffiċjenti dwar l-armonizzazzjoni tar-regolament, ir-rikonoxximent reċiproku u l-appoġġ tekniku, huwa eżempju tajjeb tal-isfidi li l-UE għandha tegħleb fil-livell internazzjonali.

3. Il-komodalià effikaċi bħala idea gwida għal politika futura Ewropea tat-trasport

Iż-żona Ewropea tat-trasport se jkollha tiffaċċja problemi serji ta' kapaċità fit-trasport tal-

merkanzija u tal-passiġġieri. Bejn l-2005 u l-2030, huwa maħsub li t-trasport tal-merkanzija se jiżdied b'40% u t-trasport tal-passiġġieri b'34%. Dan juri kemm soluzzjonijiet Ewropej huma meħtieġa b'mod urġenti. Dawn is-soluzzjonijiet jistgħu jinstabu fil-kunċett tal-komodalià effiċjenti. Fl-opinjoni tar-rapporteur, minħabba problemi ta' kapaċità, il-mezzi tat-trasport m'għandhomx jikkompetu ma' xulxin, iżda jikkumplimentaw 'il xulxin fil-qafas ta' komodalità effikaċi. Dan jagħti l-istess attenzjoni lill-aspetti ekonomiċi, ambjentali, soċjali u tas-sikurezza u jivvaluta l-effikaċja, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni differenti inizjali tal-forom ta' trasport, il-kundizzjonijiet ġeografiċi u l-iżviluppi tat-trasport u tal-mobilità f'kull reġjun rispettiv. Dan għandu jiġi meqjus bħala l-ħsieb li jmexxi l-politika futura tat-trasport, minflok ma wieħed iżomm mal-limitu ta' 300 km għaż-żona Ewropea sħiħa tat-trasport, kif ġie propost mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni qed tippjana li sal-2030 30% tal-merkanzija tat-toroq li taqbeż it-300 km għandha jiġi trasferita għal mezzi oħra bħat-trasport bil-ferroviji jew bil-vapuri. Għalkemm dan m'għandux jinżamm, xorta jista' jintuża ċertu limitu bħala linja gwida, sakemm l-Istati Membri u r-reġjuni jiddeterminaw dan il-limitu skont l-għażliet attwali u futuri tagħhom.

Il-ko-modalità titjeb ukoll jekk l-unitajiet tal-ġarr jiġu adattati u jekk ma jintilef l-ebda volum meta tagħbija tgħaddi bejn tip ta' trasport u ieħor. Dan jeħtieġ armonizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u adattament rispettiv għad-dimesjonijiet tal-vetturi.

4. TEN-Ts u l-fondi

It-TEN-Ts huma ta' importanza kbira għall-politika Ewropea tat-trasport, u għalhekk l-effikaċja u l-fattibilità tagħhom għandha tiżdied. Dan jista' jsir billi jiġu limitati n-numru ta' proġetti u jiġu provduti aktar fondi. Network ewlieni sempliċi b'fondi garantiti, li jiġi vvalutat skont kriterji ta' żvilupp sostenibbli fil-livell Ewropew u dak reġjonali, għandu jippromwovi l-progress f'dawk iż-żoni fejn huwa attwalment baxx (partikolarment fiż-żoni tal-fruntieri). Wara li jiġu definiti proġetti ta' prijorità, ir-rapporteur jitlob li l-prijorità tagħhom tinżamm biss jekk Stati Membri jadottaw deċiżjonijiet vinkolanti li jippromwovu b'mod sinifikanti t-tlestija tal-proġetti. Dan huwa l-uniku mod li jiżgura li n-network ewlieni jiġi komplut kemm jista' jkun malajr u li jipprevjeni li jibqgħu jeżistu proġetti li għandhom ċans żgħir li jitkomplew.

Spiss jiġri li ma jsirx progress fil-proġetti peress li m'hemmx fondi. B'hekk ir-rapporteur jitlob lill-Istati Membri biex sal-2015 jissottomettu pjan għall-finanzjament biex jiġu eliminati 25 żona ta' konġestjoni magħrufa.

Minbarra dan, l-istabbiliment tal-prijoritajiet għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mill-qrib mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' fondi strutturali reġjonali u l-pajjiżi għandhom jiġu obbligati li jiżguraw fondi għal dawn il-proġetti lil hinn mill-iskadenza tal-programmi pluriennali tal-UE.

Minbarra dan, ir-rapporteur jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tagħti fondi direttament għal dawn il-proġetti b'rata ta' għall-anqas 30% tal-investimenti totali u li għandha tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' fondi u bonds ta' proġetti. Dawn jistgħu jiġu implimentati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej. Il-Fond Marguerite huwa eżempju tajjeb għal dan. Strument alternattiv ta' finanzjament jista' jinħoloq b'konnessjoni mal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni jekk id-dħul ikompli jintuża b'aktar qawwa biex jiffinanzja proġetti TEN-T. Dan jikkrea wkoll inċentivi għal sħubiji pubbliċi-privati. Il-fluss

sikur tal-flus iwassal għal sikurezza fl-ippjanar u b'hekk irendi l-investimenti fi proġetti TEN-T aktar attraenti għal impriżi privati.

5. *Mobilità urbana*

Fil-bliet, hemm ħtieġa kbira li tittieħed azzjoni, peress li l-popolazzjoni fiċ-ċentri urbanistiċi b'densità qawwija qed tiżdied, u dan se jwassal għal żieda fit-traffiku, l-istorbju u t-tniġġis tal-arja.

Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi, il-bliet għandhom jistabilixxu pjanijiet sostenibbli ta' mobilità, u l-appoġġ finanzjarju għandu jkun jiddependi mis-sottomissjoni ta' dawn il-pjanijiet. Konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-bliet jistgħu jiddeċiedu huma stess dwar liema proġetti urbani jippjanaw, iżda dawn il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-istandards tal-politika Ewropea tat-trasport, jiġifieri li għandhom jipprovdu katini multimodali effikaċi u tal-loġistika tajbin għall-passiġġieri, li jnaqqsu mhux biss it-traffiku fil-bliet, iżda wkoll l-impatt ambjentali. Għal din ir-raġuni, il-pjanijiet tal-mobilità għandhom jipprovdu aktar infrastruttura għall-persuni fit-toroq u għaċ-ċiklisti u jwasslu għall-irduppar tal-utenti tat-trasport pubbliku. Partikolarment, it-trasport bil-karrozzi tal-linja u bit-tram jista' jikkontribwixxi għal komodalità effikaċi fit-trasport urban, suburban u reġjonali, sakemm tiġi adattata jew provduta l-infrastruttura neċessarja.

Minbarra dan, għandha tingħata attenzjoni lill-kwistjoni tal-koerenza bejn il-pjanijiet tal-mobilità ta' bliet u reġjuni individwali, li tiżgura li jkunu koordinati ma' dawk ta' bliet u reġjuni fil-qrib, anki dawk allokatu fi Stati Membri oħrajn.

Fil-bliet u fiż-żoni ta' madwarhom, jeħtieġ li jkun hemm sistema ta' trasport sikura, attraenti u affidabbli, fejn il-mezzi tat-trasport huma koordinati u fejn huwa possibli l-ivvjaġġar multimodali. Minbarra dan, il-prezzijiet tal-biljetti, id-disponibbiltà ta' biljetti elettroniċi li jistgħu jiġu bbukjati onlajn u d-drittijiet tal-passiġġieri huma wkoll importanti, peress li dawn jinfluwenzaw l-għażla tal-mezz tat-trasport.

6. *Ir-riċerka u l-innovazzjoni*

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma partikolarment importanti fis-settur tat-trasport, peress li s-sistema tat-trasport żviluppata tista' tnaqqas l-impatt ambjentali, iżżid is-sikurezza u tiżgura fluss kontinwu tat-traffiku. Huma jippromwovu wkoll l-istatus tal-UE bħala post tal-produzzjoni u tar-riċerka.

B'hekk ir-rapporteur jitlob li jkun hemm programm ta' riċerka u żvilupp li għandu l-għan speċifiku li l-mobilità tiġi stabbilita u appoġġata finanzjarjament sabiex jinħolqu sistemi intelliġenti, interoperazzjonali u konnessi għall-gwida tat-trasport għall-forom kollha ta' trasport, bħal SESAR, Galileo, ERTMS, PIDS, SafeSeaNet u ITS.